

**Brussell, 12 ta' Mejju 2022  
(OR. fr)**

**8709/22**

**ECOFIN 387  
STATIS 17  
INST 180  
CONSULT 4**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika - Adozzjoni

---

1. F'konformità mal-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Nru 2008/235/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika, il-Kunsill għandu jaħtar tliet membri tal-Bord wara li jikkonsulta mal-Kummissjoni Ewropea.
2. Wieħed mill-membri tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika, maħtur mill-Kunsill fit-18 ta' Diċembru 2020<sup>1</sup>, irriżenja qabel tmiem il-mandat. Għalhekk, il-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika stieden lill-Kunsill jaħtar membru ġdid tal-Bord fittra datata t-3 ta' Frar 2022 (ST 5937/22).
3. Permezz ta' ittra datata l-21 ta' Frar 2022 (ST 5968/22), il-President tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) ta parir lill-President tal-Kunsill biex jaħtar lis-Sinjura Martine DURAND, eks Kap responsabbli mill-Istatistika tal-OECD u attwalment membru tal-Awtorità tal-Istatistika Pubblika Franċiża, bħala membru ġdid tal-Kunsill Konsultattiv.

---

<sup>1</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2020 li taħtar żewġ membri tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ĠU C 445, 22.12.2020, p. 3).

4. Fil-11 ta' Marzu 2022, il-Kunsill ikkonsulta lill-Kummissjoni dwar din il-kandidatura. Permezz tal-ittra tat-2 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni tat l-opinjoni favorevoli tagħha dwar il-ħatra tal-kandidata imsemmija hawn fuq.
  
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss, id-Deċiżjoni kif tinsab fid-dokument ST 8716/22, iffinalizzata mill-ġuristi-lingwisti.

---